MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 251/2014

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Conrad Bonett**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef u hdax-il Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€6,011.84), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa A4" u Dok "B") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Gunju, 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema loans gew moghtija lilu permezz ta' zewg skritturi privati datati 11 t'April, 2006 (Dok "C") u 15 ta' Novembru 2010 (Dok "D").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati (Dok "C"u "D") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Conrad Bonnett (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Jannar, 2014 (Dok "E").

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2015, il-konvenut debitament notifikat naqas li jidher jew li jipprezenta risposta. Fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Frar, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sitt elef u hdax-il Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€6,011.84), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-21 ta' Gunju, 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Jannar, 2014, kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------